Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0263

Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Novembru 2025 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali (COM(2025)0173 – C10-0074/2025 – 2025/0090(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu kif xieraq il-prinċipji u l-approċċi tal-Artikolu 7 tal-Ftehim BBNJ.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Unjoni u l-Istati***	(7) L-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030, fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0205/2025).

Membri tagħha huma impenjati li jilħqu l-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, adottat fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ta' bejn is-7 u d-19 ta' Diċembru 2022, u l-viżjoni strateġika fit-tul li, sal-2050, il-bijodiversità trid tiġi stmata, ikkonservata, irrestawrata u użata b'mod għaqli, filwaqt li jiġu ppreservati servizzi tal-ekosistema, tiġi sostnuta pjaneta b'saħħitha u jinġiebu benefiċċji essenzjali għal kulħadd. L-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030, fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-***2023*** Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna", tistabbilixxi diversi objettivi, inkluż l-għan li jiġi rrestawrat l-istatus ambjentali tajjeb tal-ekosistemi marini.

tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-***2030:*** Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna", tistabbilixxi diversi objettivi, inkluż l-għan li jiġi rrestawrat l-istatus ambjentali tajjeb tal-ekosistemi marini ***u li tiġi ffaċilitata l-konklużjoni ta' ftehim ambizzjuż u legalment vinkolanti dwar il-bijodiversità marina ta' żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali***.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jilħqu l-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, adottat fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika

	ta' bejn is-7 u d-19 ta' Diċembru 2022, inkluż l-għan li, sal-2030, mill-anqas 30 % tal-oċeani tad-dinja jkunu rregolati minn sistemi ta' żoni protetti u miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona, flimkien mal-viżjoni strateġika fit-tul li, sal-2050, il-bijodiversità trid tiġi stmata, ikkonservata, irrestawrata u użata b'mod għaqli, filwaqt li jiġu ppreservati servizzi tal-ekosistema, tiġi sostnuta pjaneta b'saħħitha u jinġiebu benefiċċji essenzjali għal kulħadd.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Il-partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, f'konformità mal-missjoni tal-2030 lejn il-kisba tal-viżjoni strateġika tal-2050, għandhom jieħdu azzjoni urġenti biex iwaqqfu u jreġġgħu lura t-telf tal-bijodiversità.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) Din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi implimentata b'mod li ma jdgħajjifx l-istrumenti u l-oqfsa legali rilevanti u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali

	u settorjali kompetenti u li jippromwovi l-koerenza u l-koordinazzjoni ma' dawk l-istrumenti, l-oqfsa u l-korpi.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 7d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7d) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jiżviluppaw approċċ komuni kkoordinat u mekkaniżmi għall-iżgurar tal-koerenza mal-ħidma mwettqa fi ħdan dawk l-istrumenti, l-oqfsa u l-korpi, bħal fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) bħala l-korpi internazzjonali kompetenti għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd f'żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali jew fil-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali, inkluż fir-rigward tal-promozzjoni tal-miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet skont il-Parti III tal-Ftehim BBNJ.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 7e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7e) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju

	2025 intitolata “Il-Patt Ewropew għall-Oċeani” tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu żgurati r-ratifika rapida, it-traspożizzjoni fid-dritt tal-Unjoni, u l-implimentazzjoni tal-Ftehim BBNJ u l-governanza sostenibbli tal-Ibħra Internazzjonali. Tipprevedi wkoll li l-Unjoni tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim BBNJ fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-kontribuzzjoni ta’ EUR 40 miljun għall-Programm Globali għall-Oċeani.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 7f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7f) Id-dikjarazzjoni tal-Koalizzjoni ta’ Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali (BBNJ HAC) tat-28 ta’ Mejju 2025, li ngħatat bidu mill-Kummissjoni u li tlaqqa’ flimkien madwar 40 pajjiż, turi l-ambizzjoni tal-Unjoni fil-governanza u l-protezzjoni globali tal-oċeani. F’konformità ma’ dik il-viżjoni, ikkomplementata mid-diplomazija dwar l-oċeani, jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri li lesti jospitaw il-kwartieri ġenerali tas-segretarjat internazzjonali definit fl-Artikolu 50 tal-Ftehim BBNJ u tiżgura l-kofinanzjament tiegħu. Huwa importanti wkoll li l-Unjoni, bħala parti mid-diplomazija tagħha dwar l-Oċeani, tħeġġeġ lill-pajjiżi

	terzi jirratifikaw il-Ftehim BBNJ u tiżgura li jikkonformaw mad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 7g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7g) Ir-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1a] jistabbilixxi qafas għall-identifikazzjoni u l-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward ta' pajjiżi terzi li jonqsu milli jikkooperaw u li jippermettu sajd mhux sostenibbli ta' stokk ta' interess komuni għall-Unjoni. Dak ir-Regolament, emendat reċentement, jippermetti lill-Unjoni tidentifika pajjiż terz bħala pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli jekk, fost l-oħrajn, jonqos milli jikkoopera fil-ġestjoni ta' stokk ta' interess komuni, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS u tal-Ftehim tan-NU dwar il-Ħażniet ta' Ħut (UNFSA), jew ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor, bħall-Ftehim BBNJ, jew regola tad-dritt internazzjonali, u jekk jonqos milli jadotta l-miżuri meħtieġa ta' ġestjoni tas-sajd. F'dak ir-rigward, din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika flimkien mar-Regolament (UE) Nru 1026/2012, speċjalment fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali li tista' tiġi

	stabbilita fil-qafas tal-RFMOs jew, meta dawn ma jkollhom l-ebda kompetenza għall-istokk inkwistjoni, permezz ta' arranġamenti ad hoc fost il-pajjiżi li jkollhom interess fis-sajd rilevanti.
	[1a] Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 34).

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Huwa meħtieġ, f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Ftehim BBNJ, li jitrawwem qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw minn attivitajiet fir-rigward tar-riżorsi ġenetiċi marini u l-informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi ta' riżorsi ġenetiċi marini fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali.	(10) Huwa meħtieġ ***għall-Unjoni u għall-Istati Membri***, f'konformità mal-Artikolu 9 ***u mal-objettivi*** tal-Ftehim BBNJ, li jitrawwem qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw minn attivitajiet fir-rigward tar-riżorsi ġenetiċi marini u l-informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi ta' riżorsi ġenetiċi marini fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali ***, inkluż permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji, trasferiment tat-teknoloġija marina, jew tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-istati li qed jiżviluppaw***.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-Ftehim BBNJ jippermetti l-istabbiliment ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali. Il-miżuri adottati mill-Konferenza tal-Partijiet skont il-Ftehim BBNJ jenħtieġ li jiġu implimentati u, ***jekk ikun meħtieġ***, trasposti fil-leġiżlazzjoni ***tal-UE***. Sakemm issir it-traspożizzjoni, jenħtieġ li ***l-Istati Membri ma jimminawx l-effettività tal-miżuri adottati. Huwa meħtieġ*** li jiġu stabbiliti l-proċeduri ***meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni fost*** l-Istati Membri u l-Kummissjoni qabel is-sottomissjoni ta' kwalunkwe proposta sabiex jiġu stabbiliti għodod tal-ġestjoni skont iż-żona jew proposta għal miżura ta' emerġenza ***lis-Segretarjat tal-BBNJ***.	(14) Il-Ftehim BBNJ jippermetti l-istabbiliment ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali. Il-miżuri adottati mill-Konferenza tal-Partijiet skont il-Ftehim BBNJ jenħtieġ li jiġu implimentati u, ***fejn rilevanti***, trasposti fil-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni***. Sakemm issir it-traspożizzjoni, ***l-effettività tal-miżuri adottati*** jenħtieġ li ***ma tiġix imminata. Sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ*** li jiġu stabbiliti l-proċeduri ***għall-kooperazzjoni bejn*** l-Istati Membri u l-Kummissjoni qabel is-sottomissjoni ta' kwalunkwe proposta ***lis-Segretarjat tal-BBNJ*** sabiex jiġu stabbiliti għodod tal-ġestjoni skont iż-żona jew proposta għal miżura ta' emerġenza.

Emenda 12
Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***Skont din id-Direttiva***, ***għal kwalunkwe proposta għall-istabbiliment ta'*** għodod tal-ġestjoni skont iż-żona jew ***kwalunkwe proposta*** għal miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 19 u ***l-Artikolu*** 24(3) tal-Ftehim BBNJ***, jenħtieġ*** li ***l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni legali preliminari.***	(15) ***Bħala parti mill-proċeduri stabbiliti***, ***jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni legali li jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa li l-proposta tistabbilixxi*** għodod tal-ġestjoni skont iż-żona jew ***il-proposta*** għal miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 19 u 24(3) tal-Ftehim BBNJ li ***għandha***

Jenħtieġ li din il-valutazzjoni tinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa li ***l-Unjoni tressaq tali*** proposta lis-Segretarjat ***tal-BBNJ***.	***tiġi ppreżentata lis-Segretarjat tal-BBNJ f'isem l-Unjoni jew f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jew jekk Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri*** li ***jkunu għamlu abbozz ta'*** proposta ***jistgħux jissottomettu l-proposta*** lis-Segretarjat ***fil-kapaċitajiet tagħhom stess***.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a)Sabiex tittieħed azzjoni mingħajr dewmien bla bżonn u billi huwa possibbli li miżura ta' emerġenza tiġi adottata b'mod intersessjonali, peress li din teħtieġ rispons rapidu biex tiġi evitata jew mitigata ħsara serja jew irriversibbli lil-bijodiversità marini f'żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jissottomettu proposti għal miżura ta' emerġenza direttament lis-Segretarjat.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) L-ibħra internazzjonali huma ta' importanza ekonomika u soċjali sinifikanti għall-Unjoni u għall-ekonomija tal-baħar tagħha kollha kemm hi, b'mod

	partikolari għas-sajd tal-Unjoni, is-sigurtà tal-ikel, il-produzzjoni tal-enerġija, ix-xjenza u l-kummerċ internazzjonali. Din id-Direttiva, inklużi dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' għodod ta' ġestjoni bbażati fuq iż-żona, jenħtieġ li tiżgura implimentazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni u kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, filwaqt li timminimizza l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u ratifikata fis-17 ta' Frar 2005. L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo fil-25 ta' Frar 1991 u ratifikata fl-24 ta' Ġunju 1997. Jenħtieġ li l-obbligi skont dawn il-Konvenzjonijiet jibqgħu applikabbli fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Konvenzjoni ta' Espoo	(17) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u ratifikata fis-17 ta' Frar 2005. L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo fil-25 ta' Frar 1991 u ratifikata fl-24 ta' Ġunju 1997. Jenħtieġ li l-obbligi skont dawn il-Konvenzjonijiet jibqgħu applikabbli fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Konvenzjoni ta' Espoo

għandha l-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali fil-valutazzjoni tal-impatt ambjentali b'mod partikolari f'kuntest transkonfinali. L-objettivi tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jinkludu l-garanzija ***tad-drittijiet*** ta' parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali sabiex tikkontribwixxi għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benesseri personali. Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, id-drittijiet ta' parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont l-istess prinċipji bħal dawk stabbiliti skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus.	għandha l-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali fil-valutazzjoni tal-impatt ambjentali b'mod partikolari f'kuntest transkonfinali. L-objettivi tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jinkludu l-garanzija ***tad-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, id-drittijiet*** ta' parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet***, u l-aċċess għall-ġustizzja*** fi kwistjonijiet ambjentali sabiex tikkontribwixxi għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benesseri personali. Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, id-drittijiet ta' ***aċċess għall-informazzjoni,*** parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet***, u l-aċċess għall-ġustizzja*** fi kwistjonijiet ambjentali jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont l-istess prinċipji bħal dawk stabbiliti skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Filwaqt li l-fini ta' din id-Direttiva hija li tipprevedi qafas legali li jirregola l-attivitajiet li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, kwalunkwe attività li għandha titwettaq fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali li x'aktarx ***ikollhom effetti*** sinifikanti fuq l-ambjent marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali jenħtieġ li tkun soġġetta għal valutazzjoni f'konformità ***mad-Direttiva*** 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-	(18) Filwaqt li l-fini ta' din id-Direttiva hija li tipprevedi qafas legali li jirregola l-attivitajiet li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, kwalunkwe attività li għandha titwettaq fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali li x'aktarx ***tikkawża tniġġis sostanzjali jew bidliet*** sinifikanti ***u ta' ħsara*** fuq l-ambjent marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali jenħtieġ li tkun soġġetta għal valutazzjoni f'konformità ***mad-dritt tal-***

Kunsill[8], liġijiet rilevanti oħra ***tal-UE*** li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati[9] u l-liġijiet nazzjonali li jittrasponu l-leġiżlazzjoni ***tal-UE***. F'konformità mal-Artikolu 28(2) tal-Ftehim BBNJ, ***fl-UE*** tali attivitajiet imwettqa fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali jenħtieġ li jiġu vvalutati skont ir-regoli stabbiliti ***tal-UE***. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jissodisfaw l-obbligi skont il-Ftehim BBNJ.

[8] ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1–21

[9] Pereżempju d-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652, ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020, ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li

Unjoni eżistenti, bħad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], liġijiet rilevanti oħra ***tal-Unjoni*** li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati[9] u l-liġijiet nazzjonali li jittrasponu l-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni***. F'konformità mal-Artikolu 28(2) tal-Ftehim BBNJ, ***fl-Unjoni*** tali attivitajiet imwettqa fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali jenħtieġ li jiġu vvalutati skont ir-regoli stabbiliti ***tal-Unjoni***. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jissodisfaw l-obbligi skont il-Ftehim BBNJ.

[8] ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1–21

[9] Pereżempju d-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652, ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020, ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li

jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724

jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) ***Peress li*** strumenti jew oqfsa legali applikabbli oħra jew korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali jipprovdu qafas għall-valutazzjoni tal-impatti tal-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll nazzjonali li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jwettqu skrinjar jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità ma' din id-Direttiva ***skont il-kundizzjonijiet*** stabbiliti fl-Artikolu 29(4) tal-Ftehim BBNJ. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jiżgura li r-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali jiġi ppubblikat permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ.	(19) ***Fejn*** strumenti jew oqfsa legali applikabbli oħra jew korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali jipprovdu qafas għall-valutazzjoni tal-impatti tal-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll nazzjonali li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jwettqu skrinjar jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità ma' din id-Direttiva***, dment li l-Istati Membri b'ġuriżdizzjoni jew kontroll fuq l-attività ppjanata jiddeterminaw li l-kundizzjonijiet*** stabbiliti fl-Artikolu 29(4) tal-Ftehim BBNJ ***huma ssodisfati***. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jiżgura li r-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali jiġi ppubblikat permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a)Din id-Direttiva ma tapplika għall-ebda bastiment tal-gwerra, inġenju tal-ajru

	militari jew awżiljarju navali. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw, billi jadottaw miżuri xierqa li ma jxekklux l-operazzjonijiet jew il-kapaċitajiet operazzjonali ta' dawn il-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru li jkunu proprjetà tiegħu jew operati minnu, li dawn il-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru jaġixxu b'mod konsistenti, sa fejn ikun raġonevoli u prattiku, ma' din id-Direttiva.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Kwalunkwe pjan jew programm imħejji jew adottat mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali tal-Istati Membri li x'aktarx ***ikollu effetti*** sinifikanti ***fuq l-ambjent*** marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali jenħtieġ li jkun soġġett għal valutazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u mal-liġijiet nazzjonali li jittrasponu dik id-Direttiva.	(20) Kwalunkwe pjan jew programm imħejji jew adottat mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali tal-Istati Membri li x'aktarx ***jikkawża tniġġis sostanzjali jew bidliet*** sinifikanti ***u ta' ħsara fl-ambjent*** marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali jenħtieġ li jkun soġġett għal valutazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] u mal-liġijiet nazzjonali li jittrasponu dik id-Direttiva.
_____	_____
[10] ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30–37	[10] ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30–37

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a)Id-Direttiva 2001/42/KE tistabbilixxi standards ta' stima ambjentali u garanziji proċedurali li huma konsistenti mal-obbligi tal-Ftehim BBNJ u ma jimminawhomx. L-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/42/KE[1a] f'żoni taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri tikkontribwixxi direttament għall-issodisfar tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni ambjentali strateġika stabbiliti fl-Artikolu 39 tal-Ftehim BBNJ.
	[1a] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30)

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Meta jiddeterminaw il-probabbiltà ***ta' effetti*** sinifikanti ***tal-attivitajiet*** ippjanati, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu kemm l-effetti jistgħu jkunu notevoli jew importanti. Jenħtieġ li jqisu wkoll il-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2011/92/UE meta jagħmlu din id-determinazzjoni.	(21) Meta jiddeterminaw il-probabbiltà ***li jiġu kkawżati tniġġis sostanzjali jew bidliet*** sinifikanti ***u ta' ħsara lill-ambjent marin mill-attivitajiet*** ippjanati, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu kemm l-effetti jistgħu jkunu notevoli jew importanti. Jenħtieġ li jqisu wkoll il-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2011/92/UE meta jagħmlu din id-determinazzjoni.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli applikabbli għar-riżorsi ġenetiċi marini u l-informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi, il-valutazzjonijiet ambjentali tal-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri, kif ukoll l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona u miżuri ta' emerġenza f'żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "attività ppjanata" tfisser attività li ***tinvolvi*** l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, installazzjonijiet, skemi jew interventi oħra ***fl-ambjent marin***, inklużi attivitajiet regolari mmirati lejn l-użu ta' riżorsi naturali;	(i) "attività ppjanata" tfisser attività ***fl-ambjent marin,*** li ***fost l-oħrajn tinkludi*** l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, installazzjonijiet, skemi jew interventi oħra, inklużi attivitajiet regolari mmirati lejn l-użu ta' riżorsi naturali;

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) “attivitajiet taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll” tfisser attivitajiet imwettqa ***kemm minn entitajiet*** pubbliċi kif ukoll privati, li fuqhom l-Istat Membru jista’, f’konformità mad-dritt internazzjonali, jeżerċita l-kompetenza jew l-awtorità tiegħu;	(j) “attivitajiet taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll” tfisser attivitajiet imwettqa ***minn persuni ġuridiċi, kemm*** pubbliċi kif ukoll privati ***u minn persuni fiżiċi***, li fuqhom l-Istat Membru jista’, f’konformità mad-dritt internazzjonali, jeżerċita l-kompetenza jew l-awtorità tiegħu;

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) “pubbliku” tfisser il-pubbliku kkonċernat kif ukoll ***il-komunitajiet indiġeni*** u lokali b’għarfien tradizzjonali rilevanti u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti u l-komunità xjentifika;	(n) “pubbliku” tfisser il-pubbliku kkonċernat kif ukoll ***il-Komunitajiet Indiġeni*** u lokali b’għarfien tradizzjonali rilevanti u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti u l-komunità xjentifika;

(Il-kapitalizzazzjoni ta’ Komunitajiet Indiġeni tapplika għat-test kollu bil-lingwi kollha.)

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) “effetti minuri jew tranżitorji” tfisser effetti li ma ***jkollhomx impatt ta’ ħsara*** sinifikanti ***fuq l-ambjent*** marin.	(s) “effetti minuri jew tranżitorji” tfisser effetti li ma ***jikkawżawx tniġġis sostanzjali jew li ma jagħmlux bidliet*** sinifikanti ***u ta’ ħsara fl-ambjent*** marin.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva tapplika għall-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali.	***imħassar***

Emenda 28
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għas-sajd irregolat skont id-dritt internazzjonali applikabbli u l-attivitajiet relatati mas-sajd; and	(a) għas-sajd irregolat skont id-dritt internazzjonali ***u tal-Unjoni*** applikabbli***, bħall-politika komuni tas-sajd*** u l-attivitajiet relatati mas-sajd; u

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-repożitorji, sa fejn ikun prattikabbli, u l-bażijiet tad-data taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom jippreparaw, fuq bażi biennali, rapport aggregat dwar l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi marini u l-informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi marbuta mal-identifikatur tal-lott standardizzat tal-BBNJ tagħhom, u jagħmlu r-rapport disponibbli għall-kumitat dwar l-aċċess u qsim ta' benefiċċji stabbilit skont l-Artikolu 15 tal-	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-repożitorji, sa fejn ikun prattikabbli, u l-bażijiet tad-data taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom jippreparaw, fuq bażi biennali, rapport aggregat dwar l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi marini u l-informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi marbuta mal-identifikatur tal-lott standardizzat tal-BBNJ tagħhom, u jagħmlu r-rapport disponibbli għall-kumitat dwar l-aċċess u qsim ta' benefiċċji stabbilit skont l-Artikolu 15 tal-

Ftehim BBNJ.	Ftehim BBNJ. ***Fejn rilevanti, huma għandhom jużaw is-sistemi eżistenti tal-Unjoni għall-ġbir u r-rapportar tad-data għan-notifiki u d-depożiti BBNJ.***

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impatti potenzjali fuq l-ambjent marin tal-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tagħhom li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali jkunu soġġetti għal valutazzjoni qabel tittieħed deċiżjoni li tawtorizzahom (kunsens għall-iżvilupp) mill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' din id-Direttiva.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impatti potenzjali fuq l-ambjent marin tal-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tagħhom li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali jkunu soġġetti għal valutazzjoni qabel tittieħed deċiżjoni li tawtorizzahom (kunsens għall-iżvilupp) mill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' din id-Direttiva. ***Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza teknika f'dak ir-rigward.***

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali li għalihom ikunu twettqu skrinjar jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mar-rekwiżiti ta' strumenti jew oqfsa legali internazzjonali rilevanti	6. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali li għalihom ikunu twettqu skrinjar jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali***,*** f'konformità mar-rekwiżiti ta' strumenti jew oqfsa legali internazzjonali rilevanti

oħra jew minn korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali rilevanti. Għal attivitajiet li tkun saritilhom valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mar-rekwiżiti ta' strumenti jew oqfsa legali ***rilevanti*** oħra jew minn korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali rilevanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 29(4) tal-Ftehim BBNJ.F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li r-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jiġi ppubblikat permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ u li l-attività tiġi mmonitorjata.***	oħra jew minn korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali rilevanti. Għal ***dawk*** attivitajiet li tkun saritilhom valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mar-rekwiżiti ta' strumenti jew oqfsa legali ***internazzjonali*** oħra***, id-dritt tal-Unjoni*** jew minn korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali rilevanti, l-Istati Membri ***kkonċernati*** għandhom jiżguraw***:*** ***(a) li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 29(4) tal-Ftehim BBNJ.*** ***(b) li r-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jiġi ppubblikat permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ, u*** ***(c) li tiġi mmonitorjata l-attività li tkun twettqet il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali għaliha.***

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Għal attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali	7. Għal attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali

u li x'aktarx ***ikollhom effetti*** sinifikanti ***fuq l-ambjent*** marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-Direttiva 2011/92/UE u liġijiet rilevanti oħra tal-UE li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati. Għal dawn l-attivitajiet, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni rilevanti disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ fil-ħin, matul il-proċess skont id-Direttiva 2011/92/UE u liġijiet rilevanti oħra tal-UE li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati u jiżguraw li l-attività tiġi mmonitorjata b'mod konsistenti mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.	u li x'aktarx ***jikkawżaw tniġġis sostanzjali jew bidliet*** sinifikanti ***u ta' ħsara għall-ambjent*** marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-Direttiva 2011/92/UE u liġijiet rilevanti oħra tal-UE li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati. Għal dawn l-attivitajiet, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni rilevanti***, inkluż kwalunkwe rapport ta' monitoraġġ rilevanti,*** disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ fil-ħin, matul il-proċess skont id-Direttiva 2011/92/UE u liġijiet rilevanti oħra tal-UE li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati u jiżguraw li l-attività tiġi mmonitorjata b'mod konsistenti mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk attività ppjanata jista' jkollha aktar minn effett minuri jew tranżitorju fuq l-ambjent marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, jew l-effetti tal-attività ma jkunux magħrufa jew mifhuma sew, l-Istat Membru bil-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-attività għandu jwettaq skrinjar sabiex jiddetermina jekk l-attività tistax	1. Jekk attività ppjanata jista' jkollha aktar minn effett minuri jew tranżitorju fuq l-ambjent marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, jew l-effetti tal-attività ma jkunux magħrufa jew mifhuma sew, l-Istat Membru bil-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-attività għandu jwettaq skrinjar sabiex jiddetermina jekk l-attività tistax

tikkawża tniġġis sostanzjali jew bidliet sinifikanti u ta’ ħsara fl-ambjent marin u għalhekk għandha tkun soġġetta għal valutazzjoni.	tikkawża tniġġis sostanzjali jew bidliet sinifikanti u ta’ ħsara fl-ambjent marin***, u jitqies il-prinċipju prekawzjonarju, fejn hemm inċertezza xjentifika*** u għalhekk għandha tkun soġġetta għal valutazzjoni***, sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(6)***.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) fejn ikun rilevanti, deskrizzjoni ta’ kwalunkwe impatt assoċjat tal-attività ppjanata, bħall-impatti ekonomiċi, soċjali, kulturali u fuq is-saħħa tal-bniedem, inklużi l-effetti fuq is-sigurtà tal-ikel, l-impjiegi u l-ekonomiji reġjonali, f’konformità mal-Artikoli 31 u 35 tal-Ftehim BBNJ.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Sabiex tiġi żgurata l-kompletezza u l-kwalità tar-rapporti ta’ valutazzjoni tal-impatt ambjentali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapporti jitħejjew minn esperti kompetenti u li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ***kompetenza esperta suffiċjenti***, jew aċċess kif meħtieġ ***għaliha***, sabiex	5. Sabiex tiġi żgurata l-kompletezza u l-kwalità tar-rapporti ta’ valutazzjoni tal-impatt ambjentali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapporti jitħejjew minn esperti kompetenti u ***indipendenti u għandhom jirrikjedu mingħand dawn l-esperti li jiddivulgaw kwalunkwe kunflitt ta’ interess***

jeżaminaw dawn ir-rapporti.	***b'rabta mar-rwol u r-responsabbiltajiet tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ***għarfien espert biżżejjed***, jew ***ikollhom*** aċċess kif meħtieġ ***għalih***, sabiex jeżaminaw dawn ir-rapporti.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjoni li jawtorizzaw attività ppjanata meta, filwaqt li jqisu l-miżuri ta' mitigazzjoni jew ta' ġestjoni, ikunu ddeterminaw li jkunu saru l-isforzi raġonevoli kollha sabiex jiġi żgurat li l-attività ppjanata tkun tista' titwettaq b'mod konsistenti mal-prevenzjoni ta' ***impatti negattivi*** sinifikanti ***fuq l-ambjent*** marin.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjoni li jawtorizzaw attività ppjanata meta, filwaqt li jqisu l-miżuri ta' mitigazzjoni jew ta' ġestjoni, ikunu ddeterminaw li jkunu saru l-isforzi raġonevoli kollha sabiex jiġi żgurat li l-attività ppjanata tkun tista' titwettaq b'mod konsistenti mal-prevenzjoni ta' ***tniġġis sostanzjali jew bidliet*** sinifikanti ***u ta' ħsara lill-ambjent*** marin.

Emenda 37
Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) konklużjoni tal-awtorità kompetenti dwar ***l-impatti*** sinifikanti ***probabbli tal-attività ppjanata fuq l-ambjent marin*** u r-raġunijiet ewlenin għall-awtorizzazzjoni;	(a) konklużjoni tal-awtorità kompetenti dwar ***il-probabbiltà ta' tniġġis sostanzjali tal-ambjent marin jew bidliet*** sinifikanti ***u ta' ħsara lilu mill-attività ppjanata*** u r-raġunijiet ewlenin għall-awtorizzazzjoni;

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tittieħed deċiżjoni li tiġi awtorizzata jew li ma tiġix awtorizzata attività ppjanata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw minnufih li d-deċiżjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ u tas-Segretarjat tal-BBNJ. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-kummenti u l-opinjonijiet li jirċievu matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11 u deskrizzjoni tal-mod li bih dawn il-kummenti u l-opinjonijiet ikunu tqiesu jew ġew indirizzati b'xi mod ieħor.	4. Meta tittieħed deċiżjoni li tiġi awtorizzata jew li ma tiġix awtorizzata attività ppjanata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw minnufih li d-deċiżjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ u tas-Segretarjat tal-BBNJ. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli ***għall-pubbliku kwalunkwe kundizzjoni stabbilita fl-awtorizzazzjoni tal-attività ppjanata, inklużi l-kundizzjonijiet relatati mal-miżuri ta' mitigazzoni u ta' kumpens u mar-rekwiżiti ta' segwitu, u*** l-kummenti u l-opinjonijiet li jirċievu matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11 u deskrizzjoni tal-mod li bih dawn il-kummenti u l-opinjonijiet ikunu tqiesu jew ġew indirizzati b'xi mod ieħor.

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta Stat Membru li jkollu ġuriżdizzjoni jew kontroll fuq attività awtorizzata jidentifika bidliet sinifikanti u ta' ħsara għall-ambjent marin li jew in-natura jew is-severità tagħhom ma kinitx prevista fil-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, jew li	Meta Stat Membru li jkollu ġuriżdizzjoni jew kontroll fuq attività awtorizzata jidentifika ***tniġġis sostanzjali jew*** bidliet sinifikanti u ta' ħsara għall-ambjent marin li jew in-natura jew is-severità tagħhom ma kinitx prevista fil-valutazzjoni tal-impatt

jirriżultaw minn ksur ta' kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12(2)(b) jew meta parti għall-Ftehim BBNJ jew il-Korp Xjentifiku u Tekniku tal-BBNJ iqajmu xi tħassib jew rakkomandazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu. Għal dak l-għan, għandu:

jirriżultaw minn ksur ta' kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12(2)(b) jew meta parti għall-Ftehim BBNJ jew il-Korp Xjentifiku u Tekniku tal-BBNJ iqajmu xi tħassib jew rakkomandazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu. Għal dak l-għan, għandu:

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, li l-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp indipendenti u imparzjali ***ieħor*** stabbilit bil-liġi sabiex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ***tad-deċiżjonijiet***, ***tal-atti*** jew ***tal-ommissjonijiet skont l-Artikoli*** 8 sa 13***.***	***1. F'konformità mal-objettiv li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, li l-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja***,*** jew ***quddiem*** korp ***ieħor*** indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi sabiex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ***ta' deċiżjonijiet***, ***atti*** jew ***omissjonijiet taħt Artikoli*** 8 sa 13 ***u 16 sa 19, fejn tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin hija ssodisfata:*** ***(a) ikollhom interess suffiċjenti;*** ***(b) jgħidu li hemm indeboliment ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru tirrikjedi tali indeboliment bħala prekundizzjoni.***

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt b'mod konsistenti mal-għan li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja. Għal dan l-għan, l-interess ta' kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u tissodisfa r-rekwiżiti fl-ambitu tad-dritt nazzjonali għandu jitqies biżżejjed għall-fini tal-paragrafu 1, punt (a). Tali organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li jistgħu jiġu indebboliti għall-fini tal-paragrafu 1, punt (b).

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-locus standi fl-ambitu tal-proċedura ta' rieżami ma għandux jiddependi fuq ir-rwol li l-membru tal-pubbliku kkonċernat kellu matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-ambitu ta' din id-Direttiva.

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 - paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. Il-proċedura ta' rieżami għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u għandha tipprevedi mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni, fejn ikun xieraq.

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1e. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu informazzjoni prattika dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrattiv u ġudizzjarju msemmija f'dan l-Artikolu.

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu, individwalment jew f'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra jew ma' Partijiet oħra għall-Ftehim BBNJ, iwettqu valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi għal pjanijiet u programmi relatati ma' attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tagħhom li għandhom jitwettqu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, sabiex jivvalutaw l-effetti potenzjali ta' tali pjanijiet jew programmi fuq l-ambjent marin. ***Meta d-Direttiva 2001/42/KE tipprevedi obbligu li titwettaq valutazzjoni ambjentali strateġika, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva meta jwettqu tali valutazzjonijiet.***	***Meta d-Direttiva 2001/42/KE tipprevedi obbligu li titwettaq valutazzjoni ambjentali strateġika, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva meta jwettqu tali valutazzjonijiet.***
	L-Istati Membri jistgħu, individwalment jew f'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra jew ma' Partijiet oħra għall-Ftehim BBNJ, iwettqu valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi għal pjanijiet u programmi relatati ma' attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tagħhom li għandhom jitwettqu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, sabiex jivvalutaw l-effetti potenzjali ta' tali pjanijiet jew programmi fuq l-ambjent marin.

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom, irrispettivament minn jekk jaġixxux individwalment jew kollettivament, jibagħtu l-abbozz ta' proposta skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim BBNJ jew ta' miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 24(3) ta' dak il-Ftehim lill-Kummissjoni qabel kwalunkwe sottomissjoni lis-Segretarjat tal-BBNJ. Malli tirċeviha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kollha u taqsam l-abbozz ta' proposta***. Jekk Stati*** Membri ***oħra jkollhom*** kummenti***, huma għandhom jippreżentaw dawn il-kummenti*** lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-abbozz ta' proposta jew qabel jekk ikun iġġustifikat mill-miżura ta' emerġenza. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-kummenti li tirċievi lill-Istati Membri l-oħra.	1. L-Istati Membri għandhom, irrispettivament minn jekk jaġixxux individwalment jew kollettivament, jibagħtu l-abbozz ta' proposta skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim BBNJ jew ta' miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 24(3) ta' dak il-Ftehim lill-Kummissjoni qabel kwalunkwe sottomissjoni lis-Segretarjat tal-BBNJ. Malli tirċeviha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kollha u taqsam l-abbozz ta' proposta ***mingħajr dewmien. L-Istati*** Membri ***jistgħu jippreżentaw*** kummenti ***dwar l-abbozz ta' proposta jew il-miżuri ta' emerġenza*** lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-abbozz ta' proposta jew qabel jekk ikun iġġustifikat mill-miżura ta' emerġenza. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-kummenti li tirċievi lill-Istati Membri l-oħra.

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni preliminari tal-abbozz ta' proposta jew tal-abbozz ta' miżuri ta' emerġenza li jaslulha skont il-paragrafu 1 qabel ma l-Istati Membri jippreżentaw kwalunkwe proposta jew abbozz lis-Segretarjat tal-BBNJ. L-għan	***imħassar***

tal-valutazzjoni preliminari huwa li tgħin sabiex jiġi ddeterminat jekk il-proposta jew il-miżura ta' emerġenza jenħtieġx li tiġi ppreżentata f'isem l-Unjoni, jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta valutazzjoni preliminari dwar jekk*** l-abbozz ta' proposta jew l-abbozz ta' miżura ta' emerġenza ***li jaslulha skont il-paragrafu*** 1 ***jenħtieġx li jiġi ppreżentat lis-Segretarjat tal-BBNJ mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Sakemm issir tali*** valutazzjoni ***preliminari, u*** jekk ***il-valutazzjoni preliminari tikkonkludi li s-sottomissjoni jenħtieġ*** li ***ssir f'isem l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jippreżentaw il-proposta jew il-miżura ta' emerġenza msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarjat tal-BBNJ***.	3. Il-Kummissjoni għandha ***teżamina*** l-abbozz ta' proposta jew l-abbozz ta' miżura ta' emerġenza ***u l-kummenti riċevuti fl-ambitu tal-paragrafu*** 1 ***u tippreżenta, fi żmien 30 jum mill-iskadenza għall-Istati Membri biex jikkummentaw,*** valutazzjoni ***legali dwar*** jekk ***l-abbozz ta' proposta jew l-abbozz ta' miżura ta' emerġenza*** li ***jaslulha skont dak il-paragrafu 1 għandux jiġi ppreżentat lis-Segretarjat tal-BBNJ mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Il-valutazzjoni legali għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha***.

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi fil-valutazzjoni legali tagħha li abbozz ta' proposta jew abbozz ta' miżura

	ta' emerġenza għandu jiġi ppreżentat f'isem l-Unjoni jew f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni għandha tipproċedi bil-preżentazzjoni lis-Segretarjat tal-BBNJ, fejn rilevanti, flimkien mal-Istati Membri.

Emenda 51
Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi fil-valutazzjoni legali tagħha li abbozz ta' proposta jew abbozz ta' miżura ta' emerġenza ma għandux jiġi ppreżentat f'isem l-Unjoni, l-Istat Membru jew il-grupp ta' Stati Membri li bagħtu l-abbozz jistgħu jipproċedu bil-preżentazzjoni lis-Segretarjat tal-BBNJ f'isimhom stess.

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 - paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 3b ta' dan l-Artikolu, Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri jistgħu jippreżentaw proposta għal miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 24(3) tal-Ftehim BBNJ direttament lis-Segretarjat tal-BBNJ. L-Istat Membru jew grupp ta' Stati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-

	Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra u jagħmlu l-proposta mressqa disponibbli għalihom mingħajr dewmien.

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3d. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkooperaw mill-qrib u jikkonsultaw lil xulxin regolarment, in bona fide, fl-istabbiliment, il-valutazzjoni u qabel il-preżentazzjoni lis-Segretarjat tal-BBNJ ta' kwalunkwe proposta ta' għodod ta' ġestjoni skont iż-żona u ta' miżuri ta' emerġenza.

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-partijiet*** ikkonċernati, inklużi l-istati u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali, kif ukoll is-soċjetà ċivili, il-komunità xjentifika, is-settur privat ***u l-komunitajiet*** indiġeni u lokali, ***għandhom jiġu kkonsultati, kif xieraq, dwar l-iżvilupp*** tal-proposti msemmija f'dan il-Kapitolu.	2. ***L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw, kif xieraq, lill-partijiet*** ikkonċernati ***rilevanti***, inklużi l-istati u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali, kif ukoll is-soċjetà ċivili, il-komunità xjentifika, is-settur privat***, il-Popli*** Indiġeni u ***l-komunitajiet*** lokali, ***għall-iżvilupp*** tal-proposti msemmija f'dan il-Kapitolu.

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni relatata mal-istabbiliment tal-għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ.

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri aktar stretti fir-rigward taċ-ċittadini u tal-bastimenti tagħhom jew fir-rigward tal-attivitajiet fil-ġuriżdizzjoni jew fil-kontroll tagħhom apparti dawk adottati fl-ambitu tal-Parti III tal-Ftehim BBNJ, f'konformità mad-dritt internazzjonali u b'appoġġ tal-objettivi tal-Ftehim.

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jippromwovu**,** kif xieraq**,** l-adozzjoni ta' miżuri skont	2. L-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** għandhom jippromwovu kif xieraq l-adozzjoni

strumenti u oqfsa legali rilevanti u korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti li huma membri tagħhom, ħalli jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Konferenza tal-Partijiet skont il-Parti III tal-Ftehim BBNJ.	ta' miżuri***, u jikkollaboraw b'kunsiderazzjoni tal-kompetenzi,*** skont l-istrumenti u l-oqfsa legali rilevanti u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti ħalli jappoġġaw ***u jiffaċilitaw*** l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ***adottati*** mill-Konferenza tal-Partijiet skont il-Parti III tal-Ftehim BBNJ.

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ.

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lil dawk il-pajjiżi terzi li huma intitolati li jsiru partijiet għall-Ftehim BBNJ, partikolarment dawk li l-attivitajiet, il-bastimenti jew in-nazzjonali tagħhom joperaw f'żona li hija s-suġġett ta' għodda tal-ġestjoni skont iż-żona stabbilita, inkluża żona marina protetta, sabiex jadottaw miżuri li jappoġġjaw

	id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet dwar għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, stabbiliti fl-ambitu tal-Ftehim BBNJ.

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 - paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Abbażi tal-informazzjoni mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapporti biannwali lill-Parlament Ewropew dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont din id-Direttiva u dwar l-iżviluppi globali rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim BBNJ, inkluża informazzjoni dwar il-konformità, l-infurzar u l-monitoraġġ xjentifiku.